REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/35

tat-13 ta' Jannar 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jiddetermina l-proċeduri għall-verifika fis-servizz tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' vetturi tqal

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1242 jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jirrapportaw lill-Kummissjoni kwalunkwe devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal fis-servizz meta mqabbla mal-valuri li huma indikati fiċ-ċertifikati ta' konformità jew fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent li jakkumpanja dawk il-vetturi bħala riżultat tal-verifiki mwettqa f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1242, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li taw lill-manifatturi liċenzja biex joperaw għodda ta' simulazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 [3] ("l-awtoritajiet li jagħtu l-approvazzjoni") għandhom jivverifikaw għal dawk il-manifatturi, abbażi ta' kampjuni xierqa u rappreżentattivi tal-vetturi, li l-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fil-fajls tal-informazzjoni tal-klijent jikkorrispondu għall-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi tqal fis-servizz, u l-konsum tal-fjuwil tagħhom, kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll il-preżenza ta' kwalunkwe strateġija abbord jew relatata mal-vetturi fil-kampjun li jtejbu artifiċjalment il-prestazzjoni tal-vetturi fit-testijiet imwettqa jew fil-kalkoli magħmula għall-fini taċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil ("verifika fis-servizz").

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1127 [4] jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji biex jiġu ddefiniti l-proċeduri għat-twettiq tal-verifika fis-servizz.

(4) Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-verifika fis-servizz, f'konformità ma' dawk il-prinċipji ta' gwida u l-kriterji.

[1] ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni talvetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/595/oj).

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2400/oj).

[4] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1127 tat-8 ta' Frar 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji biex jiġu ddefiniti l-proċeduri għall-verifika tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal fis-servizz (verifika fis-servizz) (ĠU L, 2024/1127, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1127/oj).

(5) Sabiex timmira għall-verifika fis-servizz, dawk il-familji b'vetturi jew tajers li jippreżentaw l-ogħla riskju ta' devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil mill-valuri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fil-fajl ta' informazzjoni tal-klijent, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni jenħtieġ li tagħżel familji abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li trid titwettaq mill-Kummissjoni.

(6) Fil-każ tat-tajers, peress li familja ta' tajers ta' verifika fis-servizz tista' tintuża minn diversi manifatturi tal-vetturi, jixraq li l-ittestjar tat-tajers minn familja ta' tajers ta' verifika fis-servizz jiġi limitat għal awtorità waħda li tagħti l-approvazzjoni f'kull perjodu ta' rapportar ta' verifika fis-servizz, sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess u jitnaqqas il-piż amministrattiv. Bl-istess mod, komponent li jiddefinixxi familja ta' proċeduri tal-ittestjar għall-verifika jista' jintuża minn diversi manifatturi tal-vetturi. Għalhekk, jixraq li l-ittestjar tal-vetturi minn familja ta' proċeduri tal-ittestjar għall-verifika jiġi limitat ukoll għal awtorità waħda li tagħti l-approvazzjoni f'kull perjodu ta' rapportar ta' verifika fis-servizz.

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-verifika fis-servizz tkun rappreżentattiva, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-għoti tal-approvazzjoni jagħżlu numru minimu ta' familji li jridu jiġu ttestjati, abbażi tal-kalkolu, għal kull manifattur, tan-numru totali ta' vetturi, li għalihom ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400 ("numru totali ta' vetturi skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400"), u fil-każ tat-trejlers, abbażi tal-kalkolu, għal kull manifattur tat-trejlers, tan-numru totali ta' trejlers, li għalihom ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 [5] ("numru totali ta' trejlers skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362"). Fil-każ tat-trejlers, il-familji ta' tajers ta' verifika fis-servizz ("ISV", in-service verification) biss jenħtieġ li jintgħażlu għall-verifika fis-servizz, peress li l-proċedura tal-ittestjar għall-verifika u t-testijiet tar-reżistenza tal-arja għadhom mhumiex definiti għat-trejlers.

(8) Il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fil-fajl ta' informazzjoni tal-klijent iridu jiġu ddeterminati minn għodda ta' simulazzjoni, abbażi tal-ittestjar taċ-ċertifikazzjoni tal-komponenti rilevanti tal-vettura. Il-konformità tal-operazzjoni tal-għodda ta' simulazzjoni trid tiġi vverifikata permezz ta' proċedura ta' ttestjar għall-verifika fil-livell tal-vettura f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2400. Jixraq li jkun meħtieġ li l-vetturi magħżula għat-testijiet ta' verifika fis-servizz ikunu f'kundizzjoni simili għal dawk ittestjati matul il-proċedura tal-ittestjar għall-verifika, b'mod partikolari, billi jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-kilometraġġ u l-età massimi tagħhom.

(9) Tajers ġodda biss huma xierqa għal test tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers imwettaq fi ħdan verifika fis-servizz, peress li l-ittestjar tat-tajers użati jirriżulta, minħabba l-użu tagħhom, f'koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien ferm aktar baxx. L-għażla tat-tajers għat-testijiet ta' verifika fis-servizz jenħtieġ li tkun indipendenti mill-għażla tal-vetturi għat-testijiet ta' verifika fis-servizz.

(10) Sabiex l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tkun tista' tasal għal konklużjoni għall-vetturi kollha kkonċernati, abbażi tar-riżultati tat-test għall-vetturi fil-kampjun, ġie stabbilit metodu ta' evalwazzjoni statistika bbażat fuq kampjunar sekwenzjali.

(11) F'każ li familja ta' proċedura tal-ittestjar għall-verifika ma tgħaddix mill-evalwazzjoni statistika tar-riżultati tat-test kif stabbilit fl-Anness I, il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi kollha kkonċernati jenħtieġ li jiġu kkoreġuti, peress li huwa prerekwiżit li wieħed jgħaddi minn dik il-proċedura tal-ittestjar għall-verifika, għaż-żamma tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, jixraq li l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tinvestiga jekk hemmx biżżejjed evidenza li komponent speċifiku huwa l-kawża tan-nuqqas tal-evalwazzjoni statistika, f'liema każ jistgħu jkunu kkonċernati aktar vetturi.

(12) Sabiex jiġi vverifikat li l-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fil-fajl ta' informazzjoni tal-klijent jikkorrispondu għal dawk il-valuri tal-vetturi tqal fis-servizz, il-kundizzjonijiet tat-test u r-riżultati tat-test jenħtieġ li jiġu speċifikati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni ta' trejlers heavy-duty fir-rigward tal-influwenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO_2, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-firxa tas-sewqan b'emissjonijiet żero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1362/oj).

(13) Għall-kundizzjonijiet tat-test tar-reżistenza tal-arja, sabiex jiġi żgurat li l-varjazzjonijiet possibbli fil-kundizzjonijiet tat-test bejn it-testijiet ta' verifika fis-servizz jitnaqqsu kemm jista' jkun, jixraq li jiġu applikati l-kundizzjonijiet tat-test tar-reżistenza tal-arja f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2400 fl-aħħar verżjoni fis-seħħ, peress li dawn il-kundizzjonijiet tnaqqsu meta mqabbla mal-kundizzjonijiet applikabbli fiż-żmien taċ-ċertifikazzjoni.

(14) F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2400, il-manifatturi jistgħu jiddeterminaw il-valuri tar-reżistenza tal-arja abbażi ta' metodu ta' simulazzjoni tad-dinamika tal-fluwidi komputazzjonali ("CFD", computational fluid dynamics). Għalhekk, jixraq li jiġi introdott test speċifiku biex tiġi vverifikata l-validazzjoni speċifika ta' dak il-metodu ta' simulazzjoni bħala parti mit-testijiet ta' verifika fis-servizz biex jiġu vverifikati l-valuri tar-reżistenza tal-arja.

(15) Sabiex tiġi identifikata strateġija artifiċjali, li topera biss matul it-testijiet ta' verifika u mhux matul it-tħaddim normali fis-servizz, huwa kruċjali li l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-ittestjar ma jkunux magħrufa minn qabel. Għalhekk, il-kundizzjonijiet għat-testijiet tal-istrateġija artifiċjali ddedikati jenħtieġ li jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni.

(16) Minħabba li n-natura eżatta tal-istrateġiji artifiċjali ma tistax tkun magħrufa minn qabel, l-analiżi u l-evalwazzjoni tar-riżultati tat-test tal-istrateġija artifiċjali jenħtieġ li jsiru mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni abbażi ta' tqabbil tar-riżultati misjuba f'kundizzjonijiet ta' ttestjar differenti.

(17) Sabiex tiddokumenta r-riżultati tat-testijiet u tipprevedi l-analiżi ulterjuri tagħhom, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni jenħtieġ li tagħmel ir-rapport tat-test disponibbli għall-Kummissjoni u għall-manifattur ikkonċernat. Sabiex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni, jixraq li jkun meħtieġ li d-data tat-test tiġi ppreżentata wkoll lill-Kummissjoni, bl-użu ta' pjattaforma ddedikata.

(18) Jekk tinstab devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2, il-manifattur ikkonċernat jenħtieġ li jingħata l-opportunità li jirreaġixxi għas-sejbiet tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni f'limitu ta' żmien xieraq biex jiġi evitat titwil bla bżonn tal-proċess ta' verifika fis-servizz. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li l-limitu ta' żmien jiġi estiż sabiex jiġu vvalutati kif suppost id-dokumenti tekniċi pprovduti.

(19) Meta nuqqas ta' korrispondenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-verifika fis-servizz u l-valuri rreġistrati fil-fajls tal-informazzjoni tal-klijent, jew il-preżenza ta' kwalunkwe strateġija li ttejjeb b'mod artifiċjali l-prestazzjoni ta' dawk il-vetturi tinstab bħala riżultat tal-prestazzjoni tat-testijiet ta' verifika fis-servizz, l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vetturi kollha kkonċernati jenħtieġ li jiġu kkoreġuti, peress li l-vetturi tat-test jitqiesu li huma rappreżentattivi tal-vetturi kollha kkonċernati.

(20) Sabiex jitqiesu d-devjazzjonijiet għall-finijiet tal-kalkolu u l-korrezzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' manifattur, jixraq li l-Kummissjoni tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u liema vetturi huma kkonċernati.

(21) Jenħtieġ li tiġi applikata korrezzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' manifattur mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2025, peress li dak huwa l-ewwel perjodu ta' rapportar li għalih jiġu applikati l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1242.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-proċeduri dettaljati għall-verifika fis-servizz tal-vetturi tqal imsemmija fir-Regolament Delegat (UE) 2024/1127.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-regoli dettaljati dwar ir-rapportar ta' devjazzjonijiet misjuba fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal fis-servizz meta mqabbla mal-valuri li huma indikati fiċ-ċertifikati ta' konformità jew fil-fajls tal-informazzjoni tal-klijent, bħala riżultat tal-verifika fis-servizz u biex dawk id-devjazzjonijiet jitqiesu fil-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi medji tal-manifatturi li għalihom instabet devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 bħala riżultat tal-verifika fis-servizz.

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal vetturi tqal mingħajr emissjonijiet kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (11), tar-Regolament (UE) 2019/1242.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 3 fl-Annessi III, VIII, X u Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/1127.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "familja tal-proċedura tal-ittestjar għall-verifika ('VTP', verification testing procedure)" tfisser grupp ta' vetturi li għandhom komuni wieħed jew aktar mill-komponenti, mill-unitajiet tekniċi separati u mis-sistemi elenkati fl-Artikolu 12(1), il-punti (a) sa (f), (h) u (j), tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(2) "test tal-proċedura tal-ittestjar għall-verifika ('VTP')" tfisser test imwettaq f'konformità mal-proċedura tal-ittestjar għall-verifika mwettaq fuq vettura fis-servizz f'konformità mal-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(3) "familja tar-reżistenza tal-arja ta' verifika fis-servizz ('ISV', in-service verification) tfisser grupp ta' vetturi, li għandhom valur tar-reżistenza tal-arja ddikjarat inqas minn dak tal-vettura referenzjarja tal-familja tar-reżistenza tal-arja li tkun intgħażlet għat-twettiq ta' test tar-reżistenza tal-arja jew ugwali għalih, u li huma permessi li jkunu ma' din il-vettura referenzjarja fl-istess familja tar-reżistenza tal-arja kif stabbilit fl-Appendiċi 5 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(4) "test tar-reżistenza tal-arja" tfisser test tal-veloċità kostanti b'kejl tat-torque mwettaq fuq vettura fis-servizz f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(5) "Familja tas-CFD" tfisser grupp ta' vetturi li għalihom il-valur tar-reżistenza tal-arja ġie ddeterminat bl-użu tal-istess metodu ta' simulazzjoni tad-dinamika tal-fluwidi komputazzjonali ("CFD"), kif approvat f'konformità mal-Appendiċi 10 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(6) "Test tar-reżistenza tal-arja tal-metodu tas-CFD" tfisser test sabiex tiġi vverifikata l-validazzjoni speċifika tal-metodu ta' simulazzjoni tad-dinamika tal-fluwidi komputazzjonali ("CFD") approvat f'konformità mal-Appendiċi 10 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(7) "familja ta' tajers ta' verifika fis-servizz ('ISV')" tfisser grupp ta' tajers li jikkonsisti, għall-fini ta' verifika fis-servizz, mit-tajers kollha li jappartjenu għal tip ta' tajer, kif definit fit-Taqsima 2, il-punt 3, tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400, mill-istess manifattur u mill-istess klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, kif definit fir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]);

(8) "test tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers ('RRC', rolling resistance coefficient)" tfisser test imwettaq fuq kull tajer f'konformità mat-Taqsima 3, il-punt 3.2, tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400, f'laboratorju ta' referenza jew f'laboratorju kandidat kif definit fit-Taqsima 1, il-punti (1) u (2) tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2020/740;

(9) "test tal-massa" tfisser test biex tiġi ddeterminata l-"massa attwali kkoreġuta tal-vettura", kif definita fit-Taqsima 2, il-punt (4) tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2017/2400, jew fil-każ ta' trejler, il-"massa kkoreġuta fi stat ta' tħaddim", kif definita fit-Taqsima 3, it-Tabella 1, tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362;

(10) "test tal-istrateġiji artifiċjali" tfisser test iddedikat imwettaq fuq vettura fis-servizz biex jiġi vverifikat jekk humiex preżenti strateġiji artifiċjali;

(11) "devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2" tfisser li l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi ddeterminati f'verifika fis-servizz imwettqa skont dan ir-Regolament, huma ogħla mill-emissjonijiet iddeterminati, għall-vetturi bil-mutur, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2400 jew, għat-trejlers, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362, u rreġistrati fil-fajl ta' informazzjoni tal-klijent, fiċ-ċertifikati ta' konformità jew fiċ-ċertifikati ta' approvazzjoni individwali li jakkumpanjaw lil dawk il-vetturi bil-mutur jew it-trejlers, filwaqt li titqies l-evalwazzjoni statistika tat-testijiet f'konformità mal-Anness I.

Artikolu 3

Għażla tal-familji

1. Meta tagħżel il-vetturi f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1127, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tagħżel vetturi minn familji tal-VTP, familji tar-reżistenza tal-arja tal-ISV, familji tas-CFD u familji ta' tajers tal-ISV, abbażi tar-riskju ta' devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi b'ċerti komponenti, unitajiet tekniċi separati jew sistemi jew tajers ta' dawk il-familji, kif ivvalutat mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u kif irrapportat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiżgura wkoll li l-vetturi minn familja tal-VTP jew tajers minn familja ta' tajers tal-ISV ma jkunux qed jiġu ttestjati minn awtorità oħra li tagħti l-approvazzjoni fl-istess perjodu ta' rapportar ta' verifika fis-servizz.

2. Meta tivvaluta r-riskju ta' devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha, mill-inqas, tqis l-elementi li ġejjin, meta jkunu disponibbli:

(a) in-numru totali ta' vetturi ġodda mill-familja tal-VTP, mill-familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV u mill-familja ta' tajers tal-ISV li ġew introdotti fis-suq tal-Unjoni;

(b) id-data minn vetturi li jappartjenu għal ċerti familji tal-VTP, familji tar-reżistenza tal-arja tal-ISV u familji ta' tajers tal-ISV b'karatteristiċi tekniċi simili iżda b'emissjonijiet aktar baxxi ta' CO_2, identifikati bl-użu tad-data miġbura skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1430 ([7]);

([6]) Ir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/740/oj).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1430 tal-31 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika d-data li għandha tiġi rrappurtata mill-Istati Membri għall-finijiet tal-ivverifikar tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil ta' vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 309, 2.9.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/1430/oj).

(c) evidenza ta' devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 miksuba mill-Kummissjoni, jew riċevuta minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip oħra, awtorità tas-sorveljanza tas-suq, jew parti terza li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/163 ([8]);

(d) ir-riżultati ta' verifiki fis-servizz preċedenti, u b'mod partikolari s-sejbiet relatati mal-preżenza ta' strateġiji artifiċjali;

(e) informazzjoni rilevanti mit-testijiet imwettqa u rrappurtati lill-Kummissjoni skont ir-Regolament Delegat (UE) 2021/1430 u mit-testijiet tal-konformità tal-produzzjoni mwettqa skont it-Taqsima 4 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(f) data dwar il-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali.

3. Kull sena, sat-30 ta' Ġunju, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jkun fih lista ta' familji tal-VTP, familji tar-reżistenza tal-arja tal-ISV, familji tas-CFD u familji ta' tajers tal-ISV bl-ogħla riskju ta' devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2. Ir-rapport għandu jiddeskrivi wkoll il-metodoloġija użata għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, imwettqa fil-perjodu ta' rapportar li jikkonċerna r-rapport, u s-sejbiet ewlenin ta' dik il-valutazzjoni.

Artikolu 4

Tip u numru ta' testijiet ta' verifika fis-servizz

1. Kull perjodu ta' rapportar, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha twettaq, għal kull manifattur li lilu tkun tat liċenzja biex jopera l-għodda ta' simulazzjoni, mill-inqas għan-numru ta' familji tal-VTP, familji tar-reżistenza tal-arja tal-ISV u familji ta' tajers tal-ISV magħżula f'konformità mal-Artikolu 3 stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness I, it-testijiet ta' verifika fis-servizz korrispondenti fuq il-vetturi u t-tajers individwali magħżula f'konformità mal-Artikolu 5.

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tikkalkula, għal kull manifattur, in-numru totali ta' vetturi skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400", imsemmi fit-Tabella 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, bħala l-medja, matul it-tliet perjodi ta' rapportar qabel il-verifika fis-servizz, tan-numru totali ta' vetturi tal-manifattur li għalihom ikunu ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Barra minn hekk, għal kull manifattur li għalih in-"numru totali ta' vetturi skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400" ikun daqs jew ogħla minn 5 000, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha twettaq kull perjodu ta' rapportar test tal-massa wieħed għal kull manifattur u test wieħed tal-istrateġiji artifiċjali għal kull manifattur.

2. Jekk il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament tidentifika familji għal manifattur wieħed jew aktar li għalihom "in-numru totali ta' vetturi skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400" ikun inqas minn 5 000, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha twettaq it-test(ijiet) korrispondenti għal mill-inqas manifattur wieħed bħal dan.

3. Barra minn hekk, jekk il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 3(1) tidentifika familja tas-CFD, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha twettaq it-test tar-reżistenza tal-arja tal-metodu tas-CFD għal dik il-familja tas-CFD.

4. Għall-manifatturi tat-trejlers, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha twettaq it-testijiet tal-RRC tat-tajers fuq it-tajers magħżula f'konformità mal-Artikolu 5 għal kull perjodu ta' rapportar, mill-inqas għan-numru ta' familji ta' tajers stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tikkalkula, għal kull manifattur tat-trejlers, in-"numru totali ta' trejlers skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362", imsemmi fit-Tabella 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, bħala l-medja, matul it-tliet perjodi ta' rapportar qabel il-verifika fis-servizz, tan-numru totali ta' vetturi tal-manifattur tat-trejlers li għalihom ikunu ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/163 tas-7 ta' Frar 2022 li jistabbilixxi r-regoli dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti funzjonali għas-sorveljanza tas-suq ta' vetturi, ta' sistemi, ta' komponenti u ta' unitajiet tekniċi separati (ĠU L 27, 8.2.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/163/oj).

Barra minn hekk, għal kull manifattur tat-trejlers li għalih in-"numru totali ta' trejlers skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362" ikun daqs jew ogħla minn 5 000, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha twettaq, f'kull perjodu ta' rapportar, test tal-massa wieħed għal kull manifattur tat-trejlers.

Jekk il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 3(1) tidentifika manifatturi tat-trejlers li għalihom in-"numru totali ta' vetturi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362" ikun inqas minn 5 000, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha twettaq it-test(ijiet) korrispondenti għal mill-inqas manifattur wieħed bħal dan.

5. Għal kull familja magħżula f'konformità mal-Artikolu 3, għandhom jitwettqu t-testijiet li ġejjin għan-numru li ġej ta' vetturi u tajers magħżula f'konformità mal-Artikolu 5:

(a) testijiet tal-VTP: għal vettura waħda sa massimu ta' ħamsa;

(b) testijiet tar-reżistenza tal-arja: għal vettura waħda sa massimu ta' ħamsa;

(c) testijiet tar-reżistenza tal-arja bil-metodu tas-CFD: għal żewġ vetturi, fejn iż-żewġ vetturi jitħallew ikunu minn familji differenti tar-reżistenza tal-arja;

(d) testijiet tal-RRC tat-tajers: għal 3 tajers sa massimu ta' 10.

Ir-riżultati tat-testijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (d), għandhom jiġu evalwati f'konformità mal-metodu deskritt fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, filwaqt li r-riżultati tat-testijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandhom jiġu evalwati f'konformità mal-metodu deskritt fl-Appendiċi 10 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400.

6. Minbarra t-testijiet imsemmija fil-paragrafu 5, it-testijiet li ġejjin għandhom jitwettqu skont il-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu, għal kull manifattur għan-numru li ġej ta' vetturi magħżula f'konformità mal-Artikolu 5:

(a) testijiet tal-massa: għal 3 vetturi sa massimu ta' 10;

(b) testijiet ta' strateġiji artifiċjali: għal mill-inqas vettura waħda.

Ir-riżultati tat-testijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandhom jiġu evalwati f'konformità mal-metodu deskritt fl-Anness II.

7. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tista' tiddeċiedi li tinkludi r-riżultati tat-testijiet ta' verifika fis-servizz imwettqa mill-Kummissjoni, minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip oħra, minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq jew minn parti terza li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/163 fil-metodu statistiku deskritt fl-Anness I jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiġi infurmata b'tali ttestjar futur sabiex l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tkun tista' tosserva dan l-ittestjar;

(b) ir-riżultati kollha ta' tali ttestjar ta' verifika fis-servizz għandhom jiġu rrapportati lill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni fi żmien 5 ijiem mill-prestazzjoni ta' kull test.

Artikolu 5

Għażla ta' vetturi tat-test u tajers individwali

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tagħżel vetturi bil-mutur tat-test li, fil-ħin tal-għażla, preferibbilment ma jkollhomx aktar minn 3 snin u jkunu jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) ikollhom kilometraġġ minimu ta' 25 000 km;

(b) jissodisfaw il-kriterji tal-età u tal-kilometraġġ massimi stabbiliti fl-Artikolu 4(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 595/2009.

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tagħżel trejlers tat-test li, fiż-żmien tal-għażla, ma jkunux eqdem minn 5 snin, li jingħaddu mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħhom.

2. L-awtorità tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għandha tivverifika u tiżgura li l-vetturi tat-test ikunu fi stat rappreżentattiv ta' vettura miżmuma u użata kif suppost, u jkollhom karatteristiċi simili għal dawk irreġistrati fil-fajls tal-informazzjoni tal-klijent, fiċ-ċertifikat ta' konformità, jew fiċ-ċertifikati ta' approvazzjoni individwali, bl-użu tal-lista ta' kontroll tal-vettura stabbilita fl-Anness III.

Jekk vettura jkun sarilha test għall-konformità tal-produzzjoni, il-vettura għandha tiġi eskluża minn kwalunkwe test ta' verifika fis-servizz.

3. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, vettura magħżula għal test tal-VTP għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ma għandhiex tkun vettura li għaliha jkunu ntużaw valuri standard għat-trażmissjoni u għat-telf tal-fus għaċ-ċertifikazzjoni tas-CO_2 tal-komponenti, tal-unitajiet tekniċi separati jew tas-sistemi tagħha sakemm ma tkun tista' tinstab l-ebda vettura oħra;

(b) għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punti 3.3 sa 3.6 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 ([9]);

(c) għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar il-fjuwil u l-lubrikanti kif stabbilit fil-punt 4.2 tal-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(d) ma għandhomx ikunu sarulha modifiki b'rilevanza għar-riżultati tat-test tal-VTP fi kwalunkwe stadju sussegwenti tal-manifattura, li ma jippermettux ir-restawr tal-konfigurazzjoni tas-sistema tal-motopropulsjoni kif iddokumentat fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent.

4. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, vettura magħżula għal test tar-reżistenza tal-arja għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) għandha tintgħażel minn familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV li għaliha jkun ġie ddeterminat il-valur tar-reżistenza tal-arja f'konformità mal-punt 3 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400 u li għaliha ma jkunx intuża valur standard;

(b) għandha tkun parti mill-membri ta' familja tar-reżistenza tal-arja li jistgħu jiġu ttestjati f'konformità mal-punt 4.3 tal-Appendiċi 5 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(c) ma għandhomx ikunu sarulha bidliet fil-konfigurazzjoni ajrudinamika li ma jippermettux ir-restawr tal-konfigurazzjoni ajrudinamika kif iddokumentat fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent.

5. Fil-każ ta' trakkijiet riġidi magħżula għal test tal-massa, għandhom jintgħażlu biss vetturi mingħajr superstruttura.

6. It-tajers li għandhom jintgħażlu għal test tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers għandhom ikunu tajers ġodda, li jinbiegħu fis-suq u li jkollhom ċertifikazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2400.

7. Meta l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni ma tkunx tista' ssib in-numru meħtieġ ta' vetturi f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafu 5, il-punti (a) u (b), minħabba d-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tlesti l-proċedura tal-ittestjar tal-ISV fil-perjodu ta' rapportar tal-ISV li jmiss. Jekk xorta ma tkunx tista' ssib in-numru meħtieġ ta' vetturi fil-perjodu ta' rapportar tal-ISV li jmiss, il-proċedura statistika għandha tingħalaq bħala "mhux kompluta" u għandha tagħżel familja oħra f'konformità mal-Artikolu 3.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet tat-test għat-testijiet tal-VTP

1. Il-proporzjon tal-emissjonijiet tas-CO_2 imkejla u simulati fil-VTP ("$C_{VTP,\ proporzjon}$") għandu jiġi ddeterminat skont il-VTP stabbilit fit-Taqsima 6 tal-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400 fil-verżjoni fis-seħħ fil-mument taċ-ċertifikazzjoni tal-vetturi tat-test.

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/582/oj).

2. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiżgura li t-tagħmir tal-kejl jikkonforma mar-rekwiżiti tat-Taqsima 5 tal-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Artikolu 7

Riżultat tat-test ta' vettura tat-test individwali

1. Għal kull vettura tat-test individwali li tkun għaddejja minn test tal-VTP, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina s-$C_{VTP,\ ratio}$ f'konformità mat-Taqsima 7 tal-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400.

2. Għal kull vettura tat-test individwali, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha, qabel u wara l-VTP, taqra mill-vettura l-valuri relatati mal-miter tal-konsum tal-fjuwil abbord u mal-odometru kif previst fl-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400 u tinkludihom fir-rapport tat-test.

Artikolu 8

Evalwazzjoni statistika tar-riżultati tat-test tal-VTP u kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni u investigazzjoni dwaru

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tevalwa r-riżultati tat-test tal-VTP tal-vetturi tat-test individwali miksuba f'konformità mal-Artikolu 7 biex tistabbilixxi jekk hemmx devjazzjoni jew le fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-familja tal-VTP li jkunu qed isirulha t-testijiet tal-VTP, billi tuża l-metodu stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Jekk il-familja tal-VTP ma tgħaddix mill-evalwazzjoni statistika kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tipproċedi kif ġej:

(a) tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 kif ġej:

Devjazzjoni = $(average_{ratio} - 1) * CO_{2\ ref}$ [g/tkm],

fejn:

— $average_{ratio}$ hija l-proporzjon $C_{VTP,\ ratio}$ medju kif iddefinit fl-Anness II għar-riżultati tat-test tal-VTP;

— $CO_{2\ ref}$ huwa l-valur iddikjarat tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vettura tal-familja tal-VTP bl-ogħla valur tal-emissjonijiet tas-CO_2;

(b) tibda investigazzjoni biex tiddetermina l-kawża ta' dak in-nuqqas, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2017/2400. Awtoritajiet tal-approvazzjoni oħrajn li possibbilment ikunu involuti fiċ-ċertifikazzjoni tal-komponenti għandhom jikkollaboraw kif meħtieġ għall-investigazzjoni.

Artikolu 9

Kundizzjonijiet tat-test għat-testijiet tar-reżistenza tal-arja

1. Il-karatteristiċi tar-reżistenza tal-arja għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-proċedura tat-test tal-veloċità kostanti stabbilita fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400 fl-aħħar verżjoni fis-seħħ.

2. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiżgura li r-rekwiżiti tal-korsa tat-testijiet, ir-rekwiżiti għall-kundizzjonijiet ambjentali, l-installazzjoni tal-vettura u t-tagħmir tal-kejl jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 3.1 sa 3.4 tat-Taqsima 3 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400 fl-aħħar verżjoni fis-seħħ. Il-manifatturi jistgħu jipprovdu tajers lill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għat-testijiet tar-reżistenza tal-arja.

Artikolu 10

Riżultat tat-test tar-reżistenza tal-arja ta' vettura tat-test individwali

1. Għal kull vettura tat-test individwali li tkun għaddejja minn test tar-reżistenza tal-arja, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina l-prodott tal-koeffiċjent tar-reżistenza tal-arja skont l-erja trażversali għall-kundizzjonijiet tar-riħ trasversali żero ("valur tar-reżistenza tal-arja (C_dA)") mill-kejl matul it-test tal-veloċità kostanti f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, bl-użu tal-verżjoni tal-għodda ta' proċessar minn qabel tar-reżistenza tal-arja referenzjarja f'konformità mad-Dokument Mehmuż Nru 1 tal-Appendiċi 2 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400.

2. Għal kull vettura tat-test individwali li tkun għaddejja minn test tar-reżistenza tal-arja, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina r-riżultat tat-test tar-reżistenza tal-arja ("$C_dA_{proporzjon}$") bħala l-proporzjon tal-valur tar-reżistenza tal-arja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ("$C_dA_{verifika\ fis\text{-}servizz}$"), għall-valur iddikjarat tar-reżistenza tal-arja ta' dik il-vettura ("$C_dA_{dikjarat}$") irreġistrat fl-entrata 1.8.4. tal-fajl tar-rekords tal-manifattur, f'konformità mat-Taqsima 3, il-Parti I, tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Artikolu 11

Evalwazzjoni statistika tar-riżultati tat-test tar-reżistenza tal-arja u kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tevalwa r-riżultati tat-test tar-reżistenza tal-arja tal-vetturi tat-test individwali miksuba f'konformità mal-Artikolu 10 sabiex tistabbilixxi jekk hemmx devjazzjoni jew le fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV li jkunu qed isirulha testijiet tar-reżistenza tal-arja, billi tuża l-metodu stabbilit fl-Anness II.

2. F'każ li l-familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV ma tgħaddix mill-evalwazzjoni statistika kif stabbilit fl-Anness II, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni tar-reżistenza tal-arja bħala l-valur medju ta' C_dA_{ratio} ($average_{ratio}$) kif definit fl-Anness II għar-riżultati tat-testijiet tar-reżistenza tal-arja.

Artikolu 12

Kundizzjonijiet tat-test għat-testijiet tal-RRC tat-tajers

1. L-RRC tat-tajer għandu jiġi ddeterminat skont il-proċedura tal-kejl tal-RRC tat-tajer stabbilita fil-punt 3.2 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400, fil-verżjoni fis-seħħ fil-mument taċ-ċertifikazzjoni tat-tajers tat-test.

2. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiżgura li t-tajers jiġu ttestjati f'laboratorju ta' referenza jew f'laboratorju kandidat kif definit fit-Taqsima 1, il-punti (1) u (2), tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2020/740.

Artikolu 13

Riżultat tat-test tal-RRC tat-tajer ta' tajer tat-test individwali

Għal kull tajer tat-test individwali li jkun għaddej minn test tal-RRC tat-tajer, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina r-riżultat tat-test tal-RRC tat-tajer ("$RRC_{proporzjon}$") bħala l-proporzjon tal-valur tal-RRC tat-tajer iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 12 ("$RRC_{verifika\ fis\text{-}servizz}$") ta' dan ir-Regolament għall-valur iddikjarat tal-RRC tat-tajer ta' dak it-tajer ("$RRC_{dikjarat}$") irreġistrat fil-punt 7.1 taċ-ċertifikat tal-proprjetajiet relatati mal-emissjonijiet tas-CO_2 u mal-konsum tal-fjuwil, f'konformità mal-Appendiċi 1 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Artikolu 14

Evalwazzjoni statistika tar-riżultati tat-test tal-RRC tat-tajers u kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tevalwa r-riżultati tat-test tal-RRC tat-tajers individwali miksuba f'konformità mal-Artikolu 13 sabiex tistabbilixxi jekk hemmx devjazzjoni jew le fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-familja ta' tajers tal-ISV li tkun għaddejja minn testijiet tal-RRC tat-tajers, billi tuża l-metodu stabbilit fl-Anness II.

2. F'każ li familja ta' tajers tal-ISV ma tgħaddix mill-evalwazzjoni statistika kif stabbilit fl-Anness II, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni tal-RRC tat-tajers bħala l-valur medju ta' RRC_{ratio} ($average_{ratio}$) kif definit fl-Anness II għar-riżultati tat-testijiet tal-RRC tat-tajers.

Artikolu 15

Kundizzjonijiet tat-test għat-testijiet tal-massa

1. Fil-każ ta' vettura bil-mutur, it-test tal-massa għandu jikkonsisti fid-determinazzjoni tal-"massa attwali kkoreġuta tal-vettura" billi tintiżen vettura tat-test u jiġu applikati l-korrezzjonijiet previsti fit-Taqsima 2, il-punt (4), tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2400, jew, fil-każ ta' trejler, fid-determinazzjoni tal-"massa kkoreġuta fi stat operattiv tat-trejler" tiegħu billi tintiżen vettura tat-test u jiġu applikati l-korrezzjonijiet previsti fit-Taqsima 3, it-Tabella 1, tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2022/1362.

2. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiżgura li l-istrument tal-użin jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

3. Kwalunkwe parti addizzjonali li ma titqiesx għall-korrezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha titneħħa, jew il-massa tagħha għandha titnaqqas mill-massa ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 1.

4. Jekk ma jiġix installat it-tagħmir standard kollu, il-massa korrispondenti tal-elementi tal-kostruzzjoni neqsin imsemmija fil-punt 4.2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2017/2400 għandha tiżdied kif deskritt fil-punt 4.3 ta' dak l-Anness.

Artikolu 16

Riżultat tat-test tal-massa ta' vettura tat-test individwali

1. Għal kull vettura tat-test individwali li jkun qed isirilha test tal-massa, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina r-riżultat tat-test tal-massa ($mass_{ratio}$) bħala l-proporzjon tal-"massa attwali kkoreġuta tal-vettura", iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament ($mass_{in\text{-}service\ verification}$), għall-"massa attwali kkoreġuta" ta' dik il-vettura ($mass_{declared}$) irreġistrata fl-entrata 1.1.8. tal-fajl tal-informazzjoni tal-klijent f'konformità mat-Taqsima 3, il-parti II, tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400.

2. Fil-każ ta' trejler, għal kull vettura tat-test individwali li jkun qed isirilha test tal-massa, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina r-riżultat tat-test tal-massa ($mass_{ratio}$) bħala l-proporzjon tal-"massa kkoreġuta fi stat ta' tħaddim tat-trejler", iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament ($mass_{in\text{-}service\ verification}$), għall-"massa kkoreġuta fi stat ta' tħaddim" ta' dak it-trejler ($mass_{declared}$) irreġistrata fl-entrata 1.1.10. tal-fajl tal-informazzjoni tal-klijent f'konformità mal-parti II, tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362.

([10]) Id-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 107, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/31/oj).

Artikolu 17

Evalwazzjoni statistika tar-riżultati tat-test tal-massa u kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tevalwa r-riżultati tat-test tal-massa ta' vetturi tat-test individwali miksuba f'konformità mal-Artikolu 16 biex tistabbilixxi jekk hemmx devjazzjoni jew le fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi kollha ta' dak il-manifattur, bl-użu tal-metodu stabbilit fl-Anness II.

2. F'każ li l-manifattur tal-vettura ma jgħaddix mill-evalwazzjoni statistika kif stabbilit fl-Anness II, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni tal-massa bħala l-valur medju ta' $mass_{ratio}$ ($average_{ratio}$) kif definit fl-Anness II għar-riżultati tat-test tal-massa.

Artikolu 18

Kundizzjonijiet tat-test għal testijiet ta' strateġiji artifiċjali

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tivverifika l-preżenza ta' strateġiji artifiċjali fil-vettura tat-test magħżula f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament permezz ta' mill-inqas it-testijiet li ġejjin:

(a) test tal-VTP;

(b) test tal-VTP bil-kundizzjonijiet tat-test stabbiliti barra mil-limiti stabbiliti fl-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400, jew kwalunkwe test ieħor li għalih il-kundizzjonijiet tal-ittestjar ma jwasslux għal bidla sinifikanti fir-rispons fiżiku tal-vettura jew ta' kwalunkwe waħda mis-subsistemi tagħha.

Artikolu 19

Evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-istrateġiji artifiċjali u kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tevalwa r-riżultati tat-testijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament biex tivvaluta r-riskju li l-istrateġiji artifiċjali jkunu preżenti fil-vettura tat-test, billi tqabbel il-proporzjon $C_{VTP,\ ratio}$ iddeterminat f'konformità mal-punt 7.2.2. tal-Anness Xa tar-Regolament (UE) 2017/2400 u miksub fit-test imsemmi fl-Artikolu 18, il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, mal-proporzjon $C_{VTP,\ ratio}$ miksub fit-test imsemmi fl-Artikolu 18, il-punt (a), ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tevalwa kwalunkwe test rilevanti ieħor imwettaq fuq il-vettura kkonċernata.

2. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddeskrivi fir-rapport tat-test il-kriterji użati għall-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1. Għal dak l-għan, l-istrateġiji artifiċjali għandhom jinftiehmu bħala kwalunkwe software, loġika ta' kontroll, hardware jew komponent abbord jew relatat mal-vettura, li jnaqqas il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 jew tal-konsum tal-fjuwil tal-vettura fit-testijiet imwettqa għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2, iżda li ma jaħdimx b'mod konsistenti meta l-vettura tkun fis-servizz, filwaqt li titqies id-differenza bejn dawk il-kundizzjonijiet tat-test u l-kundizzjonijiet fis-servizz, sakemm dak it-tħaddim inkonsistenti ma jirriżultax mir-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni jew ma jkunx iġġustifikat mill-ħtieġa li l-vettura tiġi protetta kontra ħsara immedjata jew li jiġi żgurat it-tħaddim sikur tal-vettura.

3. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tikkonkludi li r-riskju li jkunu preżenti strateġiji artifiċjali fil-vettura tat-test ikun għoli, hija għandha tispeċifika u twettaq programm ta' ttestjar speċifiku flimkien mat-testijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 18, biex tidentifika l-preżenza jew in-nuqqas ta' strateġija artifiċjali. Fuq talba tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni, il-manifattur għandu jipprovdi l-kodiċi tas-software relatat rilevanti kollu biex jiġu identifikati l-preżenza jew in-nuqqas ta' strateġija artifiċjali.

4. Jekk l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tikkonkludi li hemm strateġiji artifiċjali, hija għandha tiddetermina l-vetturi kkonċernati u d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 billi tqabbel il-valur tal-emissjonijiet tas-CO_2 kemm mal-istrateġiji artifiċjali kif ukoll mingħajrhom. Jekk id-daqs ta' dik id-devjazzjoni ma jkunx jista' jiġi ddeterminat abbażi tat-testijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 18, jekk applikabbli, mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, id-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għandu jkun ta' 10 % tal-valur tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza tas-sottogrupp tal-vettura.

Artikolu 20

Rapport tat-test

1. L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tinkludi fir-rapporti tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1127, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja għal kull familja ttestjata:

(a) it-tip ta' testijiet imwettqa;

(b) il-lista ta' kontroll tal-vettura;

(c) il-kundizzjonijiet tat-test;

(d) ir-riżultati tat-test ta' kull waħda mill-vetturi jew tajers tat-test individwali;

(e) l-evalwazzjoni statistika tar-riżultati tat-test;

(f) jekk applikabbli, il-kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni;

(g) f'każ ta' test ta' strateġiji artifiċjali: il-kriterji użati għall-evalwazzjoni tar-riżultati tat-test.

2. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mit-tlestija tat-testijiet, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tagħmel ir-rapport tat-test disponibbli għall-manifattur tal-vetturi jew tat-tajers ikkonċernati u tapplowdjah f'format kriptat fuq server iddedikat tal-Kummissjoni, flimkien mad-data li ġejja għal kull waħda mill-vetturi jew tajers tat-test individwali:

(a) għal kull test tal-VTP imwettaq, id-data speċifikata fil-punt (1) tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(b) għal kull test tar-reżistenza tal-arja mwettaq, id-data speċifikata fil-punt (2) tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(c) għal kull test tar-reżistenza tal-arja mwettaq bil-metodu tas-CFD, id-data u l-kalkoli speċifikati fl-Appendiċi 10 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400;

(d) għal kull test tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers imwettaq, id-data speċifikata fil-punt (3) tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(e) għal kull test tal-massa mwettaq, id-data speċifikata fil-punt (4) tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Id-data u l-parametri speċifikati fil-punti (a) sa (e) ma għandhomx jiġu ppubblikati.

Meta d-data kollha tkun ittellgħet b'mod korrett għall-vetturi jew għat-tajers kollha ttestjati ta' familja, għandha tintbagħat riċevuta mis-server tal-Kummissjoni lill-entità li tkun qed ittella'.

Artikolu 21

Konklużjonijiet tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni

1. Jekk ir-riżultati tal-verifika fis-servizz juru li ma hemm l-ebda devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tasal għall-konklużjoni li ma hemm l-ebda nuqqas ta' korrispondenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-verifika fis-servizz u l-valuri rreġistrati fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent, u tinkludi dik il-konklużjoni fir-rapport tat-test.

2. Jekk ir-riżultati tal-verifika fis-servizz juru li hemm devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2, il-manifattur jista' jikkontesta r-riżultati fi żmien 20 jum tax-xogħol wara li jirċievi r-rapport tat-test, billi jipprovdi evidenza li turi l-korrispondenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-verifika fis-servizz u l-valuri rreġistrati fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent. Il-manifattur jista' jitlob estensjoni ta' 20 jum tax-xogħol biex jipprovdi dik l-evidenza.

Fin-nuqqas ta' reazzjoni, il-manifattur għandu jitqies li jkun aċċetta r-riżultati tal-verifika fis-servizz.

3. Filwaqt li tqis l-evidenza pprovduta mill-manifattur skont il-paragrafu 2, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tasal għal konklużjoni dwar jekk il-verifika fis-servizz identifikatx nuqqas ta' korrispondenza jew le bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-verifika fis-servizz u l-valuri rreġistrati fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent, jew il-preżenza ta' strateġiji artifiċjali.

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tibgħat il-konklużjoni tagħha lill-manifattur ikkonċernat u lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 40 jum tax-xogħol, jew f'każ ta' estensjoni f'konformità mal-paragrafu 2, mhux aktar tard minn 80 jum tax-xogħol, wara li tkun bagħtet ir-rapport tat-test lill-manifattur skont il-paragrafu 2.

4. Il-konklużjoni tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha, bħala minimu, tinkludi dan li ġej:

(a) meta l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni ssib li ma hemm l-ebda nuqqas ta' korrispondenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-verifika fis-servizz u l-valuri rreġistrati fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent, jew ma tkunx tista' tistabbilixxi l-preżenza ta' strateġiji artifiċjali:

   (i) it-tip ta' test u l-familja kkonċernata;

   (ii) ir-raġunijiet għas-sejba tagħha li d-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 misjuba bħala riżultat tal-verifika fis-servizz ma twassalx għal nuqqas ta' korrispondenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-verifika fis-servizz u l-valuri rreġistrati fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent;

(b) meta l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tistabbilixxi nuqqas ta' korrispondenza bejn il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-verifika fis-servizz u l-valuri rreġistrati fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent, jew il-preżenza ta' strateġiji artifiċjali:

   (i) it-tip ta' test u l-familja kkonċernata;

   (ii) id-daqs tad-devjazzjoni, kif irrapportat f'konformità mal-Artikolu 20(1)(e);

   (iii) fejn applikabbli, l-istrateġiji artifiċjali identifikati.

5. Qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena kalendarja, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tippubblika ħarsa ġenerali lejn il-verifiki fis-servizz imwettqa fil-perjodu ta' rapportar preċedenti u l-konklużjonijiet tagħha maħruġa f'dak il-perjodu ta' rapportar, kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 3, bl-użu tal-format stabbilit fl-Anness V. Għat-testijiet ta' verifika fis-servizz li għalihom ma tiġi stabbilita l-ebda konklużjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-ħarsa ġenerali, il-konklużjoni għandha tiġi inkluża fil-ħarsa ġenerali annwali li jmiss.

Artikolu 22

Daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u d-determinazzjoni tal-vetturi kkonċernati

Meta l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tkun ħarġet konklużjoni kif imsemmi fl-Artikolu 21(4), il-punt (b), il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u fil-vetturi kollha kkonċernati, kif ġej:

(a) għal familja tal-VTP, id-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 huwa ugwali għad-daqs tad-devjazzjonijiet stabbiliti mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni u msemmija fl-Artikolu 21(4), il-punt (b)(ii) ta' dan ir-Regolament. Il-vetturi kkonċernati huma l-vetturi kollha tal-familja tal-VTP li għandhom l-istess kombinazzjoni ta' magni u trażmissjoni. Jekk l-investigazzjoni skont l-Artikolu 8(2)(b) tiddetermina li l-kawża tan-nuqqas imsemmi f'dik id-dispożizzjoni hija komponent elenkat fl-Artikolu 12(1), il-punti (a) sa (f), (h) u (j), tar-Regolament (UE) 2017/2400, il-vetturi kkonċernati jkunu l-vetturi kollha b'dak il-komponent;

(b) għal familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV, il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal kull sottogrupp tal-vettura ta' din il-familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV, abbażi tat-tħaddim mill-ġdid tal-mudell ta' referenza fl-għodda ta' simulazzjoni bil-valur iddikjarat u bil-valur ikkoreġut għar-reżistenza tal-arja. Il-valur ikkoreġut għar-reżistenza tal-arja huwa $C_dA_{declared}$ immultiplikat bid-daqs tad-devjazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(4), il-punt (b)(ii). Il-vetturi kkonċernati huma kollha vetturi tal-familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV kkonċernata, imsemmija fl-Artikolu 21(4)(b)(i), u l-vetturi kollha li għalihom il-valur tar-reżistenza tal-arja jkun ġie ttrasferit minn familja tar-reżistenza tal-arja ta' dik il-familja tar-reżistenza tal-arja tal-ISV;

(c) għal familja tas-CFD, il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal kull sottogrupp tal-vettura u għal kull familja tar-reżistenza tal-arja ta' din il-familja tas-CFD, abbażi tat-tħaddim mill-ġdid tal-mudell ta' referenza fl-għodda ta' simulazzjoni bil-valur iddikjarat u bil-valur ikkoreġut għar-reżistenza tal-arja. Il-valur ikkoreġut għar-reżistenza tal-arja huwa ugwali għall-valur tar-reżistenza tal-arja għall-vettura referenzjarja (l-agħar każ) ta' kull familja tar-reżistenza tal-arja, jew f'każ li dan il-valur jiġi ddeterminat b'simulazzjoni tas-CFD, il-valur prestabbilit għal din il-familja tar-reżistenza tal-arja, mingħajr il-valur iddikjarat tar-reżistenza tal-arja għal kull vettura kkonċernata. Il-vetturi kkonċernati huma l-vetturi kollha ta' dik il-familja ta' CFD, u l-vetturi kollha li għalihom il-valur tar-reżistenza tal-arja ġie ttrasferit minn dik familja tar-reżistenza tal-arja ta' dik il-familja tas-CFD;

(d) għal familja ta' tajers tal-ISV, il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal kull sottogrupp tal-vettura ta' din il-familja ta' tajers tal-ISV, abbażi tat-tħaddim mill-ġdid tal-mudell ta' referenza fl-għodda ta' simulazzjoni bil-valur iddikjarat u bil-valur ikkoreġut għall-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien. Il-valur ikkoreġut għall-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien huwa $RRC_{declared}$ immultiplikat bid-daqs tad-devjazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(4), il-punt (b)(ii). Il-vetturi kkonċernati huma l-vetturi kollha rreġistrati wara l-1 ta' Lulju 2025 li jużaw tajers mill-familja tat-tajers ISV ikkonċernata, imsemmija fl-Artikolu 21(4), il-punt (b)(i);

(e) Għal test tal-massa, il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2, abbażi tat-tħaddim mill-ġdid tal-mudell tal-medja tal-flotta fl-għodda ta' simulazzjoni bil-valur iddikjarat u l-valur ikkoreġut għall-massa, għal kull sottogrupp tal-vettura ta' dan il-manifattur. Il-valur ikkoreġut għall-massa huwa $mass_{declared}$ immultiplikat bid-daqs tad-devjazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(4), il-punt (b)(ii). Il-vetturi kkonċernati huma l-vetturi kollha tal-manifattur;

(f) F'każ li tkun preżenti strateġija artifiċjali skont il-konklużjoni msemmija fl-Artikolu 21(4), il-punt (b), id-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 irid ikun ugwali għad-daqs tad-devjazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(4), il-punt (b)(ii). Il-vetturi kkonċernati għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-konklużjoni msemmija fl-Artikolu 21(4)(b).

Artikolu 23

Kalkolu u korrezzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' manifattur

1. Meta l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tkun ħarġet konklużjoni kif imsemmi fl-Artikolu 21(4), il-punt (b) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, għall-perjodu ta' rapportar tas-sena li fiha tkun inħarġet il-konklużjoni u għall-perjodi ta' rapportar ta' wara, tapplika d-daqs tad-devjazzjoni fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi kkonċernati, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 22, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi medji ta' manifattur f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1242.

2. Il-Kummissjoni għandha tapplika wkoll id-daqs tad-devjazzjoni tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi kkonċernati kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 22, għall-korrezzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-manifattur għall-għaxar perjodi ta' rapportar qabel il-perjodu ta' rapportar tas-sena li fiha tkun inħarġet il-konklużjoni, iżda mhux qabel il-perjodu ta' rapportar tas-sena 2025.

Artikolu 24

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

NUMRU MINIMU TA' FAMILJI MAGĦŻULA

1. Għall-manifatturi tal-vetturi:

Tabella 1

Numru ta' familji, li għalihom għandhom jitwettqu t-testijiet ta' verifika fis-servizz korrispondenti fuq il-vetturi u t-tajers individwali

Numru totali ta' vetturi skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400	Numru ta' familji tal-VTP (Test tal-VTP)	Numru ta' familji tar-reżistenza tal-arja (test tar-reżistenza tal-arja)	Numru ta' familji ta' tajers tal-ISV (test tal-RRC tat-tajers)
5 000 sa 20 000	1	1	1
20 001 sa 40 000	1	1	2
Iktar minn 40 000	2	2	3

2. Għall-manifatturi tat-trejlers:

Tabella 2

Numru ta' familji ta' tajers tal-ISV, li għalihom għandhom jitwettqu t-testijiet ta' verifika fis-servizz korrispondenti fuq it-tajers individwali

Numru totali ta' trejlers skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362	Numru ta' familji ta' tajers tal-ISV (test tal-RRC tat-tajers)
Sa 10 000	1
Iktar minn 10 000	2

ANNESS II

Evalwazzjoni statistika tat-testijiet

1. **Punt tat-tluq**

Il-punt tat-tluq għall-evalwazzjoni statistika tar-riżultati tat-testijiet huma l-valuri li ġejjin, ikkalkulati għan-numru minimu ta' vetturi tat-test jew tajers individwali:

(1) Għat-testijiet tal-VTP, il-valur "$C_{VTP,\ ratio}$" ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 7, għal N = 1;

(2) Għat-testijiet tar-reżistenza tal-arja, il-valur "C_dA_{ratio}" ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 10(2), għal N = 1;

(3) Għat-testijiet tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers, il-valur "RRC_{ratio}" ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 13, għal N = 3;

(4) Għat-testijiet tal-massa, il-valur tal-"$mass_{ratio}$" ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 16, għal N = 3.

L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tiddetermina jekk huwiex meħtieġ li jiġu ttestjati vetturi jew tajers addizzjonali billi tapplika l-kriterji stabbiliti fil-punt 3 ta' dan l-Anness.

2. **Parametri statistiċi**

Għan-numru totali ta' vetturi jew tajers ittestjati (N), il-medja (X_{tests}) u d-devjazzjoni(jiet) standard tar-riżultati tat-test għandhom jiġu ddeterminati billi jiġu applikati l-formuli li ġejjin:

$$X_{tests} = \frac{(x_1 + x_2 + \ldots + x_N)}{N}$$

u

$$s = \sqrt{\frac{(x_1 - X_{tests})^2 + (x_2 - X_{tests})^2 + \ldots + (x_N - X_{tests})^2}{N-1}} \text{ jekk N> 2,}$$

fejn:

x_i huwa l-proporzjon ikkalkulat għall-vettura tat-test jew għat-tajer individwali:

— $C_{VTP,\ ratio}$ għar-riżultati tat-testijiet tal-VTP f'konformità mal-Artikolu 7;

— C_dA_{ratio} għar-riżultati tat-testijiet tar-reżistenza tal-arja f'konformità mal-Artikolu 10(2);

— RRC_{ratio} għar-riżultati tat-test tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers f'konformità mal-Artikolu 13;

— $mass_{ratio}$ għar-riżultati tat-test tal-massa f'konformità mal-Artikolu 16.

3. **Evalwazzjoni**

Wara kull vettura jew tajer addizzjonali ttestjati, il-valur tal-X_{tests} għandu jiġi vvalutat kif stabbilit hawn taħt sabiex tintlaħaq waħda mill-konklużjonijiet li ġejjin għall-familja ta' vetturi jew ta' tajers ikkonċernata:

(1) Il-familja tgħaddi jekk: $X_{tests} \leq$ bound $_P$

(2) Il-familja ma tgħaddix jekk: $X_{tests} >$ bound $_F$

(3) Jiġu ttestjati vettura jew tajer addizzjonali jekk: $bound_P < X_{tests} \leq bound_F$

fejn:

$bound_P$ u $bound_F$ huma stabbiliti fit-Tabella 1 ta' dan l-Anness għar-riżultati tat-testijiet tal-VTP u għar-riżultati tat-test tar-reżistenza tal-arja;

$bound_P$ u $bound_F$ huma stabbiliti fit-Tabella 2 ta' dan l-Anness għar-riżultati tat-test tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers u għar-riżultati tat-test tal-massa;

s hija d-devjazzjoni standard iddeterminata f'konformità mal-punt 2 ta' dan l-Anness;

A hija 1,03 għar-riżultati tat-testijiet tal-VTP;

A hija $\frac{1{,}03*N_x + 1{,}07*N_y}{N_x + N_y}$ għar-riżultati tat-testijiet tar-reżistenza tal-arja,

fejn

N_x huwa n-numru ta' vetturi ttestjati b'data tal-ewwel reġistrazzjoni mill-1 ta' Lulju 2027;

N_y huwa n-numru ta' vetturi ttestjati b'data tal-ewwel reġistrazzjoni qabel l-1 ta' Lulju 2027;

A hija 1,03 għar-riżultati tat-testijiet tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers;

A hija $\frac{1{,}02*N_x + 1{,}05*N_y}{N_x + N_y}$ għar-riżultati tat-testiijiet tal-massa,

fejn

N_x huwa n-numru ta' vetturi ttestjati b'data tal-ewwel reġistrazzjoni mill-1 ta' Lulju 2027;

N_y huwa n-numru ta' vetturi ttestjati b'data tal-ewwel reġistrazzjoni qabel l-1 ta' Lulju 2027.

Tabella 1

Il-valuri għal bound $_P$ u bound $_F$ għar-riżultati tat-testijiet tal-VTP u għar-riżultati tat-testijiet tar-reżistenza tal-arja

Numru ta' vetturi ttestjati	bound $_P$	bound $_F$
1	*A* – 0,03	*A* + 0,07
2	*A* – 0,03	*A* + 0,05
3	*A* – 0,8027 * s	*A* + 0,7325 * s
4	*A* – 0,3973 * s	*A* + 0,2233 * s
5	*A*	*A*

Tabella 2

Il-valuri għal bound $_P$ u bound $_F$ għar-riżultati tat-testijiet tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers u għar-riżultati tat-testijiet tal-massa

Numru ta' vetturi ttestjati	bound $_P$	bound $_F$
3	*A* – 2,2655 * s	*A* + massimu{1,1062, (0,02 / s)} * s
4	*A* – 1,5093 * s	*A* + 0,5970 * s
5	*A* – 1,1230 * s	*A* + 0,3737 * s
6	*A* – 0,8196 * s	*A* + 0,2430 * s
7	*A* – 0,5944 * s	*A* + 0,1548 * s
8	*A* – 0,3866 * s	*A* + 0,0902 * s
9	*A* – 0,1873 * s	*A* + 0,0402 * s
10	*A*	*A*

4. **Kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni**

Għall-kalkolu tad-daqs tad-devjazzjoni, il-valur average $_{ratio}$ huwa definit bħala X_{tests} għan-numru totali ta' vetturi ttestjati, wara li l-familja ta' vetturi jew tat-tajers ma tkunx għaddiet skont il-punt 3(2) ta' dan l-Anness:

average $_{ratio} = X_{tests}$

ANNESS III

LISTA TA' KONTROLL GĦALL-VETTURI MAGĦŻULA GĦAT-TESTIJIET TA' VERIFIKA FIS-SERVIZZ

1. **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Kriterji ta' esklużjoni" tfisser li jekk il-kundizzjoni deskritta tiġi ssodisfata (it-tweġiba għall-mistoqsija hija "iva"), il-vettura ma tistax tintgħażel għat-testijiet ta' verifika fis-servizz.

(2) "Kunfidenzjali" tfisser li din l-informazzjoni għandha tinżamm kif xieraq mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni, iżda ma għandhiex tiġi inkluża fir-rapport tat-test ippreżentat lill-Kummissjoni.

(2) **Karatteristiċi tal-Vettura**

2.1. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi rreġistrata u inkluża fir-rapport tat-test:

2.1.1.	Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN, vehicle identification number)	KUNFIDENZJALI
2.1.2.	Kilometraġġ [km]	
2.1.3.	Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni	
2.1.4.	Hash kriptografika tal-fajl tar-rekords tal-manifattur	KUNFIDENZJALI

2.2. Għandhom jiġu vverifikati l-kriterji ta' esklużjoni li ġejjin:

		Iva / Le
2.2.1.	Kilometraġġ: *Il-kilometraġġ huwa inqas minn 25 000 km jew ogħla minn 160 000/300 000/700 000 km skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 595/2009?*	
2.2.2.	Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni: *Dik id-data hija aktar minn 5/6/7 snin, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 595/2009, qabel id-data tal-għażla tal-vettura?*	

(3) **Intervista mas-Sid/mal-Utent tal-Vettura**

(Is-sid ma għandux ikollu għarfien tal-implikazzjonijiet tat-tweġibiet)

3.1. Għandha tiġi rreġistrata l-informazzjoni li ġejja:

3.1.1.	Isem is-sid	KUNFIDENZJALI
3.1.2.	Kuntatt (indirizz/telefon)	KUNFIDENZJALI

3.2. Għandhom jiġu vverifikati l-kriterji ta' esklużjoni li ġejjin:

	Użu mhux awtorizzat tal-vettura	**Iva / Le**
3.2.1.	Il-vettura ġarret tagħbijiet aktar tqal mill-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur?	
3.2.2.	Il-vettura ntużat għat-tlielaq jew għall-isport tal-muturi?	
3.2.3.	Il-vettura nstaqet fi Stat Membru mhux tal-UE għal aktar minn 10 % tal-ħin tas-sewqan?	

	Użu mhux awtorizzat tal-vettura	**Iva / Le**
3.2.4.	Il-vettura ntużat b'tip ta' fjuwil ħażin (eż., petrol minflok diżil) jew bi fjuwil ta' kwalità tal-UE mhux kummerċjalment disponibbli (suq illeċitu, jew fjuwil imħallat)?	
3.2.5.	Intuża addittiv tal-fjuwil li mhuwiex approvat mill-manifattur?	
	Tiswijiet mhux awtorizzati	
3.2.6.	Il-manutenzjoni tal-vettura msaret f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur?	
3.2.7.	Kien hemm xi tiswijiet maġġuri tal-magna jew tal-vettura li ma kinux awtorizzati?	
3.2.8.	Il-vettura kienet involuta f'aċċident serju?	
	Bidliet mhux awtorizzati	
3.2.9.	Kien hemm żieda/aġġustament tal-potenza?	
3.2.10.	Kien hemm xi parti mis-sistema ta' wara t-trattament tal-emissjonijiet li tneħħiet b'mod permanenti?	
3.2.11.	Kien hemm xi apparat mhux awtorizzat relatat mal-emissjonijiet (urea killer, emulatur, eċċ.)?	

(4) **Eżami tal-Vettura**

4.1. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fir-rapport tat-test:

4.1.1.	Is-software tal-Modulu ta' Kontroll tas-Sistema tal-Motopropulsjoni u n-numri tal-parts tal-kalibrazzjoni u ċ-checksums	
4.1.2.	Dijanjożi tal-OBD	Aqra l-Kodiċijiet Dijanjostiċi tal-Ħsara u pprintja r-reġistru tal-iżbalji ([1])
4.1.3.	Mistoqsija dwar il-Modalità tas-Servizz 09 tal-OBD	Aqra l-Modalità tas-Servizz 09 u rreġistra l-informazzjoni
4.1.4.	Modalità tal-OBD 07	Aqra l-Modalità tas-Servizz 07 u rreġistra l-informazzjoni
4.1.5.	Stampi tal-vettura ttestjata inkluż tal-karozzerija ta' taħt	

([1]) Is-sistemi kollha għandhom ikunu parti mid-Dijanjożi tal-OBD u r-"Reġistri tal-iżbalji/Informazzjoni individwata u dijanjostikata" għandhom ikunu parti mir-rapport tat-test.
Kummenti: *Il-kontrolli kollha li jirrikjedu konnessjonijiet tal-OBD iridu jitwettqu qabel u wara t-test tal-emissjonijiet*

4.2. Għandhom jiġu vverifikati l-kriterji ta' esklużjoni li ġejjin:

		Iva / Le
4.2.1.	Għat-testijiet tal-VTP BISS: Hemm xi dawl ta' twissija fuq il-pannell tal-istrumenti attivat li jindika ħsara tal-vettura jew tas-sistema ta' wara t-trattament tal-egżost li ma tistax tiġi solvuta permezz ta' manutenzjoni normali? (Indikatur tal-Ħsara, Indikatur tal-Ħtieġa ta' Servizz ta' Manutenzjoni tal-Magna, eċċ.?)	
4.2.2.	Għat-testijiet tal-VTP BISS: Hemm xi modifiki rilevanti għar-riżultati tat-test tal-VTP fi kwalunkwe stadju sussegwenti tal-manifattura, li ma jippermettux ir-restawr tal-konfigurazzjoni tas-sistema tal-motopropulsjoni kif iddokumentat fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent?	

		Iva / Le
4.2.3.	Għat-testijiet tar-reżistenza tal-arja BISS: Hemm xi bidliet fil-konfigurazzjoni ajrudinamika li ma jippermettux ir-restawr tal-konfigurazzjoni ajrudinamika kif iddokumentat fil-fajl tal-informazzjoni tal-klijent?	

4.3. Jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ma jiġux issodisfati, il-vettura xorta tista' tintgħażel bil-kundizzjoni li tittieħed azzjoni xierqa qabel ma jitwettqu t-testijiet ta' verifika fis-servizz:

	Verifika li trid issir	Kwistjoni identifikata u azzjoni li trid tittieħed
4.3.1.	Il-livell tat-tank tal-fjuwil	*Jekk id-dawl ta' riżerva tal-fjuwil ikun MIXGĦUL, irriforni l-vettura bil-fjuwil qabel it-test.*
4.3.2.	Fluwidu tal-egżost tad-diżil (AdBlue)	*Jekk id-dawl SCR ikun mixgħul wara li tinxteħel il-magna, l-AdBlue għandu jimtela, jew it-tiswija għandha titwettaq qabel ma tintuża l-vettura għall-ittestjar.*
4.3.3.	Filtru tal-arja u filtru taż-żejt *Iċċekkja għall-kontaminazzjoni u għall-ħsara*	*Jekk ikun bil-ħsara jew ikun ikkontaminat ħafna jew anqas minn 800 km qabel it-tibdil irrakkomandat li jmiss; ibdel il-filtri.*
4.3.4.	Iċċekkja l-livelli u l-grad tal-fluwidi *Iċċekkja l-livelli massimi u minimi (iż-żejt tal-magna, il-likwidu tat-tkessiħ)*	*Jekk jinsab taħt il-livell minimu, żidu.* *Jekk għandu grad differenti, biddlu.*
4.3.5.	Kejbil tal-ignixin (tqabbid bi spark) *Iċċekkja l-ispark plugs, il-kejbils, eċċ.*	*F'każ ta' ħsara, biddilhom.*
4.3.6.	Servizz *Iċċekkja jekk tkun inqas minn 800 km 'il bogħod mis-servizz skedat li jmiss*	*Jekk iva, imbagħad wettaq is-servizz.*
4.3.7.	Għat-testijiet tar-reżistenza tal-arja BISS: *Iċċekkja jekk l-allinjament tar-rota u l-għoli aġġustabbli tal-vettura/l-għoli mill-art humiex barra mill-firxa.*	*Jekk iva, irranġa l-allinjament tar-roti u l-għoli tal-vettura/l-għoli tal-vettura mill-art biex ikunu fil-medda.*
4.3.8.	Għat-test tar-reżistenza tal-arja BISS: *Iċċekkja jekk huwiex installat korp standard f'konformità mal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400*	*Jekk le, installa l-karozzerija standard.*

ANNESS IV

DATA TAT-TEST TA' VERIFIKA FIS-SERVIZZ LI TRID TIĠI RRAPPORTATA

1. **Data tat-test ta' verifika fis-servizz li trid tiġi rrapportata għal test tal-VTP**

Id-data li trid tiġi rrapportata hija d-data tar-rapporti tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 20(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Barra minn hekk, għandha tiġi rrapportata d-data li ġejja:

Nru	Parametri	Unità	Sors	Rimarki
1	L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni responsabbli għat-testijiet ta' verifika fis-servizz	—	—	
2	Numru tal-vettura	—	—	Sekwenza tal-vettura (1, 2, 3, …10) fl-evalwazzjoni statistika
3	Numru totali ta' vetturi ttestjati	—	—	Numru totali ta' vetturi inklużi fl-evalwazzjoni statistika deskritta fl-Anness I
4	Deċiżjoni dwar jekk għaddietx/ma għaddietx	—	—	Għaddiet jew Ma Għaddietx mit-test

2. **Data tat-test ta' verifika fis-servizz li trid tiġi rrapportata għal test tar-reżistenza tal-arja**

Id-data li trid tiġi rrapportata hija d-data speċifikata fl-Appendiċi 2 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Barra minn hekk, għandha tiġi rrapportata d-data li ġejja:

Nru	Parametri	Unità	Sors	Rimarki
1	L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni responsabbli għat-testijiet ta' verifika fis-servizz	—	—	
2	Numru tal-vettura	—	—	Sekwenza tal-vettura (1, 2, 3, … 10) fl-evalwazzjoni statistika
3	Numru totali ta' vetturi ttestjati	—	—	Numru totali ta' vetturi inklużi fl-evalwazzjoni statistika deskritta fl-Anness I
4	Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)	—	—	Il-VIN tal-vettura magħżula
5	Qari tal-odometru fil-bidu tat-testijiet tal-ISV	km		
6	Korsija tat-testijiet li fuqha saru t-testijiet	—		
7	Massa totali tal-vettura matul il-kejl	kg	—	Massa attwali tal-vettura matul il-kejl
8	Għoli massimu tal-vettura matul il-kejl	m	—	
9	Temperatura ambjentali medja matul l-ewwel test tal-veloċità baxxa	°C	—	

Nru	Parametri	Unità	Sors	Rimarki
10	Veloċità medja tal-vettura waqt it-testijiet tal-veloċità għolja	km/h	—	
11	Prodott tal-koeffiċjent tar-reżistenza tal-arja (C_d) skont l-erja trażversali (A_{cr}) għal kundizzjonijiet tar-riħ trażversali żero $C_dA_{cr}(0)$	m^2	—	
12	Prodott tal-koeffiċjent tar-reżistenza tal-arja (C_d) skont l-erja traszversali (A_{cr}) għall-kundizzjonijiet medji tar-riħ traszversali waqt it-test tal-veloċità kostanti $C_dA_{cr}(\beta)$	m^2	—	
13	Angolu medju tal-imbardata waqt it-test tal-veloċità kostanti β	°	—	
14	Numru tal-verżjoni tal-għodda ta' pproċessar minn qabel tar-reżistenza tal-arja	—	—	
15	Riżultat tat-test tar-reżistenza tal-arja (C_dA_{ratio})	—	—	Kif definit fl-Artikolu 10
16	Hash kriptografika tal-fajl tar-rekords tal-manifattur		—	
17	C_dA ddikjarat	m^2	—	Valur iddikjarat għall-familja tar-reżistenza tal-arja
18	Deċiżjoni dwar jekk għaddietx/ma għaddietx	—	—	Għaddiet jew ma għaddietx mit-test

Barra minn hekk, għal test tar-reżistenza tal-arja bil-metodu CFD, għandhom jiġu rrapportati d-data u l-kalkoli speċifikati fil-punt 2 tal-Appendiċi 10 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/2400.

3. **Data tat-test ta' verifika fis-servizz li għandha tiġi rrapportata għal test tal-RRC tat-tajers**

Id-data li trid tiġi rrapportata hija d-data speċifikata fl-Appendiċi 2 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Barra minn hekk, għandha tiġi rrapportata d-data li ġejja:

Nru	Parametri	Unità	Sors	Rimarki
1	L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni responsabbli għat-testijiet ta' verifika fis-servizz	—	—	
2	L-isem u l-post tal-laboratorju li jwettaq it-test tal-ISV			
3	Numru tat-tajer	—	—	Sekwenza tat-tajers (1, 2, 3, … 10) fl-evalwazzjoni statistika
4	Numru totali ta' tajers ittestjati	—	—	Numru totali ta' tajers inklużi fl-evalwazzjoni statistika deskritta fl-Anness I
5	Numru taċ-ċertifikazzjoni tat-tajer			F'konformità mal-Appendiċi 4 tal-Anness X tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400

Nru	Parametri	Unità	Sors	Rimarki
6	Hash taċ-ċertifikat tat-tajer			
7	L-isem u l-post tal-laboratorju taċ-ċertifikazzjoni			
8	Riżultat tat-test tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajer (RRC_{ratio})			Kif definit fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament
9	Deċiżjoni dwar jekk għaddiex/ma għaddiex	-		Għadda jew ma għaddiex mit-test

4. **Data tat-test ta' verifika fis-servizz li trid tiġi rrapportata għal test tal-massa**

Id-data li ġejja għandha tiġi rrapportata:

Nru	Parametri	Unità	Sors	Rimarki
1	L-awtorità li tagħti l-approvazzjoni responsabbli għat-testijiet ta' verifika fis-servizz	—	—	
2	Numru tal-vettura	—	—	Sekwenza tal-vettura (1, 2, 3, …10) fl-evalwazzjoni statistika
3	Numru totali ta' vetturi ttestjati	—	—	Numru totali ta' vetturi inklużi fl-evalwazzjoni statistika deskritta fl-Anness I
4	Isem u indirizz tal-manifattur tal-vettura			
5	Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)			
6	Qari tal-odometru fil-bidu tat-testijiet tal-ISV	km		
7	Mudell tal-vettura			
8	Kategorija tal-vettura			
9	Konfigurazzjoni tal-fus			
10	Massa Massima Mgħobbija Totali Permissibbli (TPMLM, Total Permissible Maximum Laden Mass)			
11	Grupp tal-vettura			
12	Hash kriptografika tal-fajl tar-rekords tal-manifattur			
13	Massa attwali kkoreġuta mkejla tal-vettura	kg		F'konformità mal-Artikolu 15
14	Massa attwali kkoreġuta ddikjarata tal-vettura	kg	1.1.8 tal-fajl tal-informazzjoni tal-klijent	F'konformità mal-Artikolu 16
15	Ir-riżultat tat-test tal-massa ($mass_{ratio}$)			Kif definit fl-Artikolu 14
16	Deċiżjoni dwar jekk għaddietx/ma għaddietx			Għaddiet jew ma għaddietx mit-test

ANNESS V

FORMAT TAR-RAPPORTAR GĦALL-ĦARSA ĠENERALI ANNWALI TAL-VERIFIKA FIS-SERVIZZ

A. *Informazzjoni ġenerali*

(1)	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni	
(2)	Data tal-ħarsa ġenerali annwali	
(3)	Perjodu ta' rapportar tas-sena kkonċernata	
(4)	Numru totali ta' vetturi għal kull manifattur għall-medja tat-tliet perjodi ta' rapportar qabel il-verifika fis-servizz	
(5)	Numru minimu ta' familji ta' tajers tal-VTP / tar-reżistenza tal-arja / tal-ISV magħżula	
(6)	In-numru totali ta' familji ta' tajers tal-VTP / tar-reżistenza tal-arja / tas-CFD / tal-ISV magħżula fis-sena kkonċernata	

B. *Lista tal-familji ta' tajers tal-VTP / tar-reżistenza tal-arja / tas-CFD / tal-ISV magħżula għall-verifika fis-servizz*

— Numru ta' identifikazzjoni tal-familja magħżula (ID tal-ISV);

— Manifattur tal-vettura kkonċernat (OEM);

— L-identifikaturi tal-familja ta' tajers tal-VTP / tar-reżistenza tal-arja / tas-CFD / tal-ISV għal kull waħda mill-familji magħżula;

— Raġuni(jiet) sottostanti għall-għażla tal-familji għall-verifika fis-servizz:

  — "valutazzjoni tar-riskju" jekk tkun ibbażata fuq l-Artikolu 3;

  — "oħrajn" jekk ikun hemm xi raġuni oħra, jekk jogħġbok speċifika dan f'nota f'qiegħ il-paġna.

ID TAL-ISV	OEM	L-identifikaturi tal-familja ta' tajers tal-VTP / tar-reżistenza tal-arja / tas-CFD / tal-ISV	Raġuni
1			
2			
3			
…			

C. *Sommarju tar-riżultati tat-test ta' verifika fis-servizz*

— Tip ta' test: testijiet tal-proċedura tal-ittestjar għall-verifika (VTP), tar-reżistenza tal-arja (AD), tal-metodu tas-CFD tar-reżistenza tal-arja (CFD), tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers (RRC), tal-massa (massa) jew tal-istrateġiji artifiċjali (AS)

— In-numru minimu ta' familji għal kull tip ta' test (Min.), ikkalkulat skont l-Artikolu 4(1) abbażi tal-punt A(4) ta' dan l-Anness

— In-numru totali ta' testijiet għal kull tip ta' test (Total)

— In-numru totali ta' konklużjonijiet għal kull tip ta' test:

  — l-ebda nuqqas ta' korrispondenza (Tgħaddi);

  — nuqqas ta' korrispondenza (Ma tgħaddix);

  — għadha ma ġiet stabbilita l-ebda konklużjoni (Pendenti).

Tip ta' test	Min.	Totali	Tgħaddi	Ma tgħaddix	Pendenti
Test tal-VTP					
Test tar-reżistenza tal-arja					
Test tar-reżistenza tal-arja tal-metodu tas-CFD					
Test tal-RRC tat-tajer					
Test tal-massa	1				
Test tal-istrateġiji artifiċjali	1				

D. *Riżultati dettaljati tat-test tal-verifika fis-servizz għas-sena kkonċernata*

— In-numru ta' identifikazzjoni tal-familja magħżula (ID tal-ISV);

— Il-manifattur ikkonċernat (OEM);

— Tip ta' test imwettaq (Tip ta' test): testijiet tal-proċedura tal-ittestjar għall-verifika (VTP), tar-reżistenza tal-arja (AD), tal-metodu tas-CFD tar-reżistenza tal-arja (CFD), tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajers (RRC), tal-massa (massa) jew tal-istrateġiji artifiċjali (AS);

— Id-data tal-bidu tat-test (Data tal-bidu) skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1127;

— L-isem tal-organizzazzjoni(jiet) li twettaq/iwettqu t-test (l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni jew is-Servizz Tekniku) (GAA/TS);

— In-numru ta' vetturi ttestjati (Nru ta' vetturi);

— Ir-riżultat tat-test ta' kull vettura tat-test individwali ($average_{, ratio}$);

— Il-konklużjoni tat-test (Konklużjoni/Devjazzjoni), jiġifieri "Tgħaddi", "Ma tgħaddix" jew "Pendenti", inkluż id-daqs tad-devjazzjoni f'każ li "Ma tgħaddix";

— In-numru ta' referenza tar-rapport tat-test (Ref. tat-test);

— In-numru ta' referenza tal-konklużjoni (Ref. tal-konklużjoni).

ID TAL-ISV	OEM	Tip ta' test	Data tal-bidu	GAA/TS	Nru ta' vetturi	$medja_{proporzjon}$	Konklużjoni/ Devjazzjoni	Referenza tat-test	Referenza tal-konklużjoni
1									
2									
3									
…									

E. *Riżultati dettaljati tat-test tal-verifika fis-servizz, li għalihom il-konklużjonijiet ġew irrapportati bħala "Pendenti" fil-ħarsa ġenerali annwali preċedenti*

— Perjodu ta' rapportar tas-sena kkonċernata (Sena);

— Kampijiet oħra: ara d-deskrizzjoni taħt il-punt D;

— Jekk il-GAA xorta ma tkunx tista' ssib in-numru meħtieġ ta' vetturi, din għandha tindika "mhux kompluta" fil-kamp "Konklużjoni/Devjazzjoni".

Sena	ID TAL-ISV	OEM	Tip ta' test	Data tal-bidu	GAA/TS	Nru ta' vetturi	$medja_{proporzjon}$	Konklużjoni/ Devjazzjoni	Referenza tat-test	Referenza tal-konklużjoni
…	…									